# Q O R T I Ċ I V I L I
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 13 ta' Gunju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 151 / 17RGM

Kawża fil-lista: 11

**F B X u b'digriet datat 12 ta' Gunju 2018 gew mizjuda l-kliem 'f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri R X**
**vs**
**T A; u**
**Direttur tar-Registru**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' T A, li minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri R X;

Illi l-esponenti hija certa li R X huwa l-wild bijologiku ta' T A kif se jigi pruvat f'din il-kawza;

Illi l-minuri twieled fil-5 ta' Settembru 2002 u hu rregistrat bhala unknown father iben F B X;

Illi la darba l-esponenti hija certa li T A huwa l-missier bijologiku, dan ghandu jkun rregistrat lid-dokumenti tar-Registru Pubbliku sabiex il-minuri R X jigi registrat R A X, b'dan li ma jibqa' rregistrat bhala unknown father.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taqta’, tiddeciedi u tordna billi:

1. Tiddikjara illi ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi illi R X huwa l-wild naturali ta' T A;

2. Tiddikjara illi l-missier naturali huwa T A li ghandu l-karta ta' l-identita' 383875 (M);

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri R X billi jigi mnizzel isem il-missier bhala T A.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva, u dan ghaliex ma kinitx preceduta minn ittra ufficjali sabiex tinterpella lil konvenut biex ikun jista' jaghraf lil ibnu u dan skont kif inhu rikjest mill-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u in vena preliminari ukoll ghandu jinghad illi stante t-talba kif dedotta titlob illi ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri R X, l-esponenti hija tal-umli fehma illi ghandu jigi kjamat fil-kawza, il-minuri R X li ghandu jkun rapprezentat minn kuratur ad litem u dan ai termini tal-ligi;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi stante is-suespost, l-esponenti tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi vverifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri R X;

5. Illi bla hsara ghas-suespost, f’kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lill-konvenut T A sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta’ nota li tispecifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identita' tieghu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta' tieghu meta twieled R X, (4) Il-post tat-twelid tieghu, (5) Il-post ta' residenza tieghu meta twieled R Bultigieg. (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled R X. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri R X;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandlhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi R X u dan a tenur tal-artikolu 92 (5) tal-Kapitolu l6 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi hija ma ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut T A gie notifikat fis-7 ta' Novembru 2017 u ma pprezentax risposta guramentata.

Semghet ix-xhieda u ezaminat il-provi kollha prodotti.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Gunju 2018 li permezz tieghu ordnat zieda fl-okkju tal-kawza b'dan illi l-gudizzju llum huwa integru.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Permezz tal-kawza odjern l-attrici qed titlob illi l-konvenut T A jigi dikjarat il-missier naturali tal-minuri u li konsegwentement l-att tat-twelid tal-minuri R X jigi emendat fis-sens illi fejn illum hemm il-kliem "missier mhux maghruf" jitnizzel minflok isem il-konvenut T A u l-konnotati tieghu.

In tema legali ssir referenza ghall-**Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:

"It-tifel mnissel u mwieled barra z-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien, kif ukoll separatament".

**L-Artikolu 86A(1)**:

"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miz-zwieg li ma jigix maghruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistghu f'kull zmien iressqu talba gudizzjarja biex tigi

stabbilita l-paternita' tat-tifel u biex il-Qorti tordna r-registrazzjoni ta' dik il-paternita' fl-atti tal-istat civili relattivi".

Dwar il-prova genetika, skont l-**Artikolu 100A**:

"……..Il-Qorti tista', minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi, tehtieg li l-partijiet biex jissottomettu ghall-ezamijiet kif imsemmija fl-Artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi".

Fil-kaz in ezami l-attrici qed tipprocedi fit-termini tal-Artikolu 86A(1) riprodot 'supra'. Il-minuri R tnissel u twieled barra z-zwieg billi l-attrici u l-konvenut T A ma kienux mizzewgin. L-omm ipprocediet biex tigi stabbilita l-paternita' tat-tifel.

**Prova Xjentifika**.

Dr Marisa Cassar xhedet quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2018 fejn ikkonfermat ir-rapport tad-DNA minnha redatt fit-23 ta' April 2018 li jiccertifika illi l-konvenut T A huwa l-missier bijologiku tal-minuri R.

**Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku**.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut Direttur eccepixxa illi l-kawza odjerna hija intempestiva ghaliex qabel ipprocediet b'kawza l-attrici ma segwitx il-procedura ai termini tal-Artikolu 86. Ghalkemm jirrizulta bhala fatt illi huwa minnu li l-attrici ma pproceditx b'ittra ufficjali kontra l-konvenut A qabel intavolat il-kawza, ma jirrizultax mil-ligi illi tali procedura hija mandatorja qabel tigi intavolata l-kawza ai termini tal-Artikolu 86 A (1). F'certi kazi tali nuqqas jista' jkollu rilevanza fuq il-kap tal-ispejjez gudizzjarji. Il-konvenut T A ma pprezentax risposta guramentata u waqa' kontumaci. Kif inhu pacifiku il-kontumacja hija meqjusa bhala opposizzjoni ghat-talbiet attrici. Kienet tkun sitwazzjoni differenti kieku l-konvenut A ipprezenta risposta fejn jghid li jaqbel mat-talbiet attrici. Ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern fejn huwa prezunt li l-konvenut A qed jopponi t-talbiet attrici, kien mehtieg li l-attrici tipprocedi b'kawza sabiex tottjeni dikjarazzjoni ta' paternita' fil-konfront ta' A.

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur, tali eccezzjoni giet sorvolata bid-digriet moghti minn din il-Qorti fil-5 ta' Gunju 2018.

Ir-raba' eccezzjoni giet indirizzata bil-prova xjentifika.

Il-hames u s-sitt eccezzjoni giet indirizzata bil-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Mejju 2018.

Fir-rigward tas-seba' eccezzjoni, tenut kont illi l-kawza kienet mehtiega sabiex il-paternita' tal-minuri tigi definittivament stabbilita, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici u mill-konvenut A.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur bil-mod kif hawn deciz, u fil-kontumacja tal-konvenut A;

1. Tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

2. Tordna li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom "A".

3. Tordna illi apparti isem il-konvenut T A, jigu wkoll inseriti fl-att tat-twelid tal-minuri R il-konnotati kollha tal-konvenut T A inkluz dawk kif jirrizultaw fil-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Mejju 2018.

Bl-ispejjez kontra l-attrici F B X u l-konvenut T A in solidum bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**